# Il-Fawwara

Dr George Cassar

Mhux wisq 'il bogħod mis-Siġġiewi tinsab biċċa art rurali li hi magħrufa bħala l-Fawwara. Magħha hemm magħquda dawk l-għoljiet hekk imsejħa Ġebel Ciantar. Dan hu post sabiħ li għad għandu l-laqtgħa tal-kampanja Maltija mhux daqstant mittiefsa, għax s'issa l-iżvilupp għadu ma wasalx hemm biex jeqred fi ftit xhur dak li n-natura ħadet sekli biex tagħmel.

Iż-żona msejħa 'Il-Fawwara' jew 'tal-Fawwara' tieħu isimha mill-ilma li joħroġ b'abbundanza forma ta' nixxiegħa fl-inħawi ta' Ġebel Ciantar. Jidher li dan il-post instab indikat l-ewwel darba fl-atti notali fil-kitba bid-data tal-15 ta' Marzu 1529 tan-Nutar Graciano Vassallo li niżżel il-lok bħala *"fauara, clausura in contrata Gebal Chantar"*.[1] Gebel Chantar, mill-banda l-oħra, tissemma' aktar kmieni fl-atti notarili tan-Nutar Paulo Bonello fid-dokument bid-data tas-6 ta' Ottubru 1467.[2] Ġebel jindika li l-post hu għolja jew għoljiet, u Ciantar jurina ta' min kienet il-proprjetà jew wara minn ġie msemmi l-post.

Fil-fatt nafu li dan Ġebel Ciantar ħa ismu minn sinjura jisimha Ġlorma Ciantar li kienet sid artijiet fl-inħawi u li magħha hemm ukoll marbuta leġġenda. Mela n-nixxiegħa – li anki tagħti isimha lil dan il-post u li tisbokka minn ġo għar li jinsab taħt il-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu (li nbniet wara) – f'sena ta' nixfa kbira l-ilma ma baqax ħiereġ għal ġol-ġiebja li kienet tinsab fl-għalqa ta' quddiem il-kappella. Issa din Ġlorma Ciantar, li kienet propretarja ta' għelieqi fiż-żona għamlet wiegħda li jekk l-ilma jerġa' jibda jnixxi hi tibni knisja hemmhekk. Ix-xewqa mqanqla ta' Ġlorma ġiet mismugħha għax l-ilma reġa' feġġ u hi żammet kelmitha. Għalhekk b'att notarili għand in-Nutar Pietro Paolo Vincella ġiet stabilita l-fondazzjoni bid-data tal-5 ta' Marzu 1616 biex tinbena kappella. Għal dan il-għan ħalliet l-għelieqi lill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità li kienet ffurmata fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Bet Valletta. Plakka mwaħħla fil-ġemb ta' din il-kappella tfakkar dan l-avveniment tal-1616. Il-plakka tispjega wkoll li l-kappella kienet reġgħet inbniet fis-sena 1669 mill-istess Fratellanza. X'aktarx li reġgħet ġiet restawrata fl-1756 għax l-aħħar data li tidher fuq din il-plakka hi proprju din. Għall-aħħar tas-seklu dsatax imbagħad, il-Gvern ħa din in-nixxiegħa biex ikun jista' jissupplixxi ilma liż-żona tal-Kottonera u għalhekk minħabba li n-nixxiegħa u l-art tal-madwar ittieħdu, il-Fratellanza ngħatawlha artijiet oħra li bihom setgħet tkompli żżomm din il-kappella fi stat tajjeb.[3]

Kappella oħra li tinsab fl-inħawi tal-Fawwara hi mbagħad dik iddedikata lill-Annunzjata. Taħt din il-kappella hemm oħra ddedikata lil San Ġorġ u li hi kappella fil-blat. Din

il-kappella (ta' fuq) ma kinitx minn dejjem iddedikata lill-Annunzjata. Kien ċertu Gio. Paolo Cassar li fis-sena 1619 bena kappella oħra fuq waħda eqdem li kienet iddedikata lill-Assunta. Nafu li l-kappella ta' Cassar kienet ġiet profanata fl-1653 imma s-sidien tagħha talbu u qalgħu dan il-permess u hekk fis-7 ta' Diċembru tal-istess sena il-kappella reġgħet infetħet. Nafu wkoll li l-kappella tal-Annunzjata nbniet mill-ġdid minn Maria Xeberras fl-1708. Din il-benefattriċi kienet tiġi oħt l-Isqof Fra Domenico Xeberras u fit-titular hemm appuntu l-arma ta' dan l-isqof. [4]

Ġan Franġisk Abela fil-ktieb tiegħu li ħareġ fl-1647 jinkludi tagħrif fuq l-inħawi ta' Ġebel Ciantar. Hu jgħid li dawn l-għoljiet ħadu isimhom mill-kunjom tal-familja Ciantar – familja tajba u antika Maltija – li minħabba li l-parti l-kbira ta' dik l-art kienet tagħhom, hekk il-firxa kollha ta' hemm baqgħet imsemmija għalihom. Kien hemm abbundanza ta' ilma li jnixxi mill-art u kont issib ħafna dwieli f'dik l-art fertili. L-għeneb tal-post kien ta' togħma bnina u ħelwa ħafna u kien tat-tip tawwali li l-Maltin fi żmienu kienu jsejħu "Bessulet el Bakra" jew, kif ikompli jispjega Abela, sider il-baqra. Dawn l-għeneb kienu hekk abbundanti u ħelwin għax barra li kienu jgawdu mix-xemx u jħarsu lejn il-baħar tan-nofsinhar ta' Malta, kienu wkoll imkennija wara l-għoljiet li kienu jipproteġuhom mill-qilla tal-irjieħ qawwija li kienu jonfħu fuq l-inħawi. Xi wħud, ikompli Abela, ħadu vantaġġ minn dan kollu u tellgħu djar tal-villeġġjatura, ħelwin fid-dehra u f'arja li twettqek.[5]

Fis-seklu dsatax kien George Percy Badger li kkummenta fuq il-Fawwara. Hu jgħid li l-post kien imfittex ħafna mill-Maltin li kienu jmorru hemm għall-mistrieħ u d-divertiment tagħhom. Ikompli jgħid li biex tasal għalih kont tista' tuża t-triq li tgħaddi minn Ħaż-Żebbuġ u mis-Siġġiewi imma kont tista' wkoll tilħqu jekk tinżel mal-blat wieqaf li kien hemm fil-viċinanzi tal-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Girgenti li kien xi żewġ mili bogħod mill-Fawwara. Badger irrimarka li l-ħamrija tal-Fawwara kienet mill-aktar fertili u kienet imtarrġa mal-ġenb wieqaf tal-preċipizju li jħares lejn il-baħar. L-awtur iżid li taħt il-kappella ċkejkna (tal-Karmnu) kien hemm għar artifiċjali li minnu kienet ħierġa nixxiegħa li tferra' ġo għadira, u minn hemm l-ilma kien jitwassal f'direzzjonijiet diversi biex isaqqi l-għelieqi. Fl-għar imsemmi kien hemm ukoll mejda u bankijiet tal-ġebel għall-użu ta' dawk li jmorru jqattgħu ġurnata għall-mistrieħ f'dak il-post. Badger jispiċċa billi jinforma l-qarrejja tiegħu li mill-Fawwara wieħed kellu veduta tajba tal-gżira ta' Filfla li tinsab xi ħames mili 'l barra fil-baħar. Fuq din il-gżira, jkompli l-kittieb, kienu jgħixu biss il-fniek li kont issib minnhom bil-gzuz. Is-sajjieda bid-dgħajjes tagħhom kultant kienu wkoll iżuru din il-gżira biex jiġbru l-imħar u ħlejjaq oħra simili li kienu abbundanti ħafna mal-blat ta' hemm.[6]

(Refernezi)

1 Wettinger, G., *Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300 – 1800* (Malta: 2000), 123.
2 *Ibid.*, 137.
3 Kilin, *A Hundred Wayside Chapels of Malta & Gozo* (Malta: 2000), 287–8.
4 http://www.google.com.mt/imgres?imgurl=http://www.malta-canada.com/churches-chapels/Images/Malta/SiggiewiFawwaraKarmnu.jpg&imgrefurl=http://www.malta-canada.com/churches-chapels/Siggiewi.htm&usg=__5p6z0Qej7X3aFVOKWythz-23Bk4=&h=329&w=400&sz=55&hl=en&start=8&zoom=1&itbs=1&tbnid=_cpaJGvrnNVR0M:&tbnh=102&tbnw=124&prev=/search%3Fq%3Dfawwara%26hl%3Den%26sa%3DX%26biw%3D1345%26bih%3D542%26tbm%3Disch%26prmd%3Divnsm&ei=yKexTeGfF8WUswaz3f3iCw
5 Abela, G.F., *Della Descrittione di Malta* (Malta, 1647), 96.
6 Badger, G. P., *Description of Malta and Gozo* (Malta: 1838), 266–7.

**Philip Agius & Sons Ltd.**
Ta' Maksar • Contractors

- *Excavation Works*
- *Plant Hire*
- *Road Works*
- *Civil Engineering Works*
- *Suppliers of Readay Mix Concrete*
- *Quality Bricks Manufacturers*
- *Suppliers of Building Materials*

**The Plant,**
**off Mdina Road,**
**Żebbuġ, ŻBĠ 07**
**Tel: 2146 5758**
**Fax: 2146 3835**
**Mobile: 9949 3551**

*Grazzi mill-qalb lil Borg Bros. Removals għad-drinks li offrew waqt il-marċ tal-ġimgħa. Nirringrazzjaw lil Micheal u Anna Farrugia li meta ngħaddu bil-marċ mit-triq tagħhom joffrulna wkoll id-drinks.*